# SIGGIEWI ALBUM Nru. 2



# L-ORATORJU TAS-SAGRA FAMILJA

minn Rev. Dun Nikol Aquilina B.D., Lic.D., D.Litt.

Il-promutur ewlieni ta' din l-opra kien il-ħabrieki Dun Ġużepp Buhagiar. Dan is-saċerdot kien ilu żmien twil iħoss il-bżonn ta' oratorju għat-taħriġ fil-katekiżmu u li jservi wkoll bħala post għad-diversi laqgħat tal-Għaqdiet tar-raħal.

Għall-ewwel kien hemm il-ħsieb li dan l-oratorju jinbena wara l-Knisja parrokkjali, proprju fit-triq li tmiss mal-knisja. Infatti l-gvern kien ta b'ċens ta' xelin fis-sena din il-biċċa art lill-knisja tas-Siġġiewi. B'danakollu ix-xitan daħħal denbu f'din l-opra, tant li kellha tieqaf; wara xi snin Dun Ġużepp reġa' midd għonqu għax-xogħol għalkemm il-post kien band'oħra. Din id-darba l-post magħżul kien ġnien fi triq il-Knisja l-Qadima.

Għalkemm l-Isqof Pietro Pace ta l-kunsens tiegħu fl-1908, il-poplu tar-raħal ma tantx qabel mal-għażla ta' dan il-post, imbiegħed kif kien mill-knisja l-kbira. Wara ħafna taqtigħ il-qalb, jiltaqa' ma' Dun Ġużepp ċertu bidwi Mikiel Baldacchino; dan Baldacchino wera lis-saċerdot il-post fejn illum jinsab l-oratorju. F'dak iż-żmien kien hemm dar żgħira u għoddha mwaqqgħa li fiha kien jgħammar bidwi fqir, Baskal Muscat. Il-proprjetà kienet tas-Sinjurina Melita Davies minn tas-Sliema.

Fl-atti tan-Nutar Giuseppe Trapani (22 ta' Frar 1910) insibu t-tpartit ta' l-art ta' Davies ma' post fil-Pjazza San Nikola li kien jappartjeni lill-knisja tas-Siġġiewi. Minkejja dawn l-arranġamenti it-twettiq tal-proġett ma setax jimxi 'l quddiem minħabba n-nuqqas ta' permess min-naħa tal-gvern, għax xi nies influwenti fir-raħal riedu jfixklu f'din l-opra qaddisa.

Il-Kappillan il-ġdid Dun Mikiel Farrugia mill-Isla ried iħassar il-kuntratt tat-tpartit tal-art u kollox jibqa' bħal qabel. Iżda Dun Ġużepp Buhagiar mgħejjun mit-talb tal-Figlie di Maria, ma qatax qalbu; xtara minn flusu l-post tas-Sinjurina Davies; kiseb il-fiduċja tal-Isqof Awżiljarju Mons. Fra Angelo Portelli u, permezz ta' dan, tal-Avukat tal-Kuruna, Vincenzo Frendo Azzopardi. Fl-14 ta' Ġunju 1913 wasal il-permess tal-bini minn għand il-gvern.

Fl-atti tan-Nutar Salvatore Borg Olivier (6 ta' April 1913) insibu li reġa' seħħ it-tpartit tal-art ta' Davies, issa ta' Dun Ġużepp Buhagiar, mal-postijiet tal-knisja fil-Pjazza. Għaldaqstant twaqqaf kumitat ta' saċerdoti żelanti biex iħabirku għall-bini. B'hekk fis-17 ta' Settembru 1913 beda x-xogħol. B'danakollu ix-xogħol ġie mwaqqaf wara biss tlett ijiem mill-awtoritajiet tal-Knisja minħabba l-iskuża li n-nies tal-post kienu kontra dan l-oratorju. Dan il-waqfien ma seħħx ħlief għal ftit jiem (sad-29 ta' Settembru) għaliex l-isqof mill-ġdid ta lil Dun Ġużepp il-fakoltà li jkompli. Infatti nhar il-Ġimgħa 14 ta'

Novembru 1913 festa tal-Qalb ta' Ġesù, saret iċ-ċerimonja tat-tqegħid tal-ewwel ġebla fil-preżenza ta' Dr. Samwel Marguerat, tabib tal-Gvern. Dak iż-żmien il-parroċċa kienet vakanti u kienet tinsab f'taħwid mhux żgħir dwar is-suċċessur ta' Mons. Michele Farrugia.

Ir-Rettur tal-Missjoni ż-żgħira għoġbu jirregala Bambin tal-porċellana lill-oratorju li mbagħad il-lavrant Salvatore Balzan ħadimlu niċċa ċkejkna tal-ġebel u Xmun Farrugia ħadem il-pedestall.

L-imgħallem tax-xogħol kien Pietru Mallia, mis-Siġġiewi, bniedem ta' ħila kbira fis-sengħa tal-bini li ħadem taħt il-perit żagħżugħ Andrea Micallef minn Ħal Luqa. Biex jitħaffef il-bini Dun Ġużepp talab u kiseb il-permess biex ix-xogħol jitkompla wkoll nhar il-Ħdud u l-festi. Il-ġarr tal-materjal sar kollu b'xejn minn nies tas-Siġġiewi; ukoll it-trasport ta' 24 travu tal-ħadid mix-xatt sas-Siġġiewi. F'din il-ħidma għen mhux ftit l-ispiżjar Amante Marguerat.

Xi dettalji dwar l-ispejjeż, l-opri u l-benefatturi: Meta beda x-xogħol, Dun Ġużepp kellu biss £38.5.0d, lilu mogħtija minn ruħ tajba; sal-24 ta' Frar 1916 kienu ntefqu £800. Minn fejn inġabru dawn il-flus?:

a. Il-ġbir fil-knisja u fir-raħal, kellu jmur a favur tal-bini tal-oratorju. Dan seħħ b'digriet mill-isqof P. Pace fid-9 ta' Lulju 1913.
b. Dun Ġużepp issellef darbtejn flus mill-Kurja: £52 fit-18 ta' Frar 1914 u £47 fit-23 ta' Lulju tal-istess sena.
c. Xi nies u xi familji taw isimhom biex jikkontribwixxu sitt ħabbiet fil-ġimgħa.
d. Kienu jsiru lotteriji kull nhar ta' Ħadd. Għenu ħafna f'dal-qasam Dun Ġużepp Aquilina, l-ispiżjar Amante Marguerat u s-Sur Ġuże' Agius.
e. Qligħ minn xogħol maħdum nhar ta' Ħdud u festi minn nisa twajba speċjalment mill-Figlie di Maria.
f. Donazzjonijiet minn persuni ġenerużi speċjalment minn Mons. Francesco Farrugia li qabel miet ħalla £100 għall-opra tal-oratorju, bil-kunsens ta' ħuh u oħtu.

Ta' min isemmi lin-Nobbli Dun Ġużepp Dei Marchesi Apap Bologna li ħallas għall-kwadru tas-Sagra Familja, opra tal-Pittur Lazzru Pisani.

Insemmu wkoll lis-Surmast tal-iskola Ġuże' Agius li ta l-istatwa ta' San Lwiġi Gonzaga, opra ta' Giuseppe Cilia mill-Ħamrun; ta' l-istess Cilia hija l-istatwa ta' Sant' Anjeże għotja tal-Kongregazzjoni ta' Marija.

Ma ninsewx lill-Kappillan Dun Salv Chircop li ħa ħsieb jiġbor għall-paviment u rregala l-istatwa tal-Qalb ta' Ġesù li narawha fil-faċċata ta' barra, opra tal-iskultur Rabti Giuseppe Vella. Tal-istess Vella huma ż-żewġ medaljuni li jirrappreżentaw lil San Pawl u San Nikola, irregalati minn Dun Pawl Camilleri u minn ċertu Nikola Camilleri, it-tnejn mis-Siġġiewi.

Il-bieb il-kbir, xogħol tal-mastrudaxxa Carmelo Bonnici mis-Siġġiewi, hu għotja ta' wieħed anonimu. Persuna oħra ħallset għall-kwadru ta' San Nikola jgħallem it-tfal u li jinsab fil-ġenb tal-altar: opra tal-pittur żagħżugħ Gianni Vella; persuna oħra tat it-tabernaklu, opra ta' Guliermu Spiteri mill-Ħamrun.

Imbagħad ta' min isemmi lil Dun Ġużepp Delia, Dun Ġużepp Aquilina, Dun F.S. Mangion u Dr. S. Marguerat, mhux biss għall-flus li taw imma wkoll għaż-żelu li wrew biex din l-opra tirnexxi. Is-solennità tat-tberik u l-inwagurazzjoni tal-Oratorju ġiet iffissata għal nhar il-Ħadd 27 ta' Ġunju 1915. Il-Kappillan il-ġdid Dun Salv Chircop D.D. għamel minn kollox biex jagħti solennità mistħoqqa lil din l-okkażjoni fir-raħal. Infatti mexxa ċ-ċerimonja l-Arċisqof Dom Mawru Caruana.

Fuq kulħadd ta' min isemmi b'ġieħ lil Dun G. Buhagiar li stinka u ħareġ minn butu flejjes kbar biex ilaħħaq fil-ħin mal-kontijiet. Bil-għajnuna t'Alla u bil-qalb kbira tas-Siġġiwin, dan is-saċerdot għaqli u ħabrieki ra sseħħ il-ħolma għall-ġid tal-poplu u għall-ġieħ ta' Alla l-Imbierek.

N.B. Tagħrif meħud mill-librett: **Breve Storia dell'Oratorio del Siggieui dedicato alla Sacra Famiglia**, miktub fl-24 ta' Frar 1916, u miżmum fl-uffiċċju parrokkjali.

**DUN NIKOL AQUILINA**